# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ġunju, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 178/20/1 JVC**

**Olive Gardens Investments Limited**

**v.**

**Avukat tal-Istat, u Annetto Farrugia għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Is-soċjeta` attriċi u l-konvenut Annetto Farrugia kienu nvoluti f'diversi tilwimiet dwar proprjetajiet immobbli akkwistati mis-soċjeta` attriċi, dwar liema l-konvenut u ħutu kienu qed iressqu pretensjonijiet li huma għandhom titolu fuq dawn l-istess proprjetajiet. Dawn it-tilwimiet kienu suġġett ta' numru ta' kawżi ġudizzjarji, li waħda minnhom, li tirrigwarda art fiż-Żurrieq, ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta'

Ottubru, 2014, kontra l-aħwa Farrugia. L-aħwa Farrugia ressqu kawża ta' ritrattazzjoni minn din is-sentenza, iżda t-talba għal ritrattazzjoni ġiet respinta permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju, 2016. Peress illi l-partijiet kellhom diversi kawżi u tilwimiet bejniethom, huma eventwalment ittransiġew il-litiġji kollha ta' bejniethom permezz ta' kuntratt pubbliku datat 23 ta' Mejju, 2017, fejn l-aħwa Farrugia, inkluż il-konvenut Annetto Farrugia, aċċettaw u rrikonoxxew li ma kellhom l-ebda dritt jew pretensjoni fuq l-immobbli ndikati f'dak il-kuntratt u li kienu qed jirrinunzjaw għal kwalunkwe dritt ta' azzjoni, inkluż quddiem il-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, sabiex jimpunjaw is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014, u/jew is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2016.

2. Sussegwentement, il-konvenut Annetto Farrugia ntavola proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) bin-numru 65/2017 permezz ta' liema qiegħed jimpunja s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Ottubru, 2014. Is-soċjeta` attriċi għalhekk intavolat proċeduri hija stess quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), permezz ta' liema qed tikkontendi illi l-proċeduri kostituzzjonali istitwiti minn Annetto Farrugia huma abbużivi u qed jiġu mmexxija b'mod abbużiv minnu, għaliex qiegħed jagħmel minn kollox biex il-kawża istitwita minnu ma timxix, tant illi tlett snin wara l-intavolar tagħha l-kawża għadha fi stadju ta' provi ta' Annetto Farrugia fuq l-

eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji. Skont is-soċjeta` attriċi Annetto Farrugia qiegħed jitħalla jagħmel li jrid mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u dan qiegħed jikkawżalha preġudizzju billi qiegħed jilledi d-drittijiet fondamentali tagħha. Is-soċjeta` attriċi tilmenta illi minħabba dan l-aġir abbużiv ta' Annetto Farrugia hija sofriet u qed issofri danni kbar, partikolarment konsistenti f'telf ta' bejgħ ta' proprjetajiet minħabba l-litiġju pendenti, li wassalha sabiex titlef miljuni ta' ewro. Hija tikkontendi għalhekk illi minħabba dan kollu qed issofri ksur tad-drittijiet tagħha hekk kif sanċiti permezz tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, u l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

3. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lil Ewwel Qorti sabiex:

> "(i) tiddikjara u tiddeċiedi illi qed jiġu leżi u vvjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni, u mill-artikoli 6, 13 u 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;
>
> (ii)tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti kollha li lilha jidhrulha opportuni sabiex il-vjolazzjoni subita mir-rikorrenti tieqaf u ma tibqax tiġi perpetwata, u kif ukoll sabiex l-istess ksur ta' drittijiet fondamentali jiġi rimedjat u riparat, occorrendo nkluż billi tillikwida kumpens għall-ħsara pekunjarja kif ukoll għall-ħsara morali mġarrba mir-rikorrenti, u tordna lill-intimati jew lil min minnhom iħallsu dak il-kumpens kif likwidat.
>
> Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li huma minn issa nġunti in subizzjoni."

4. Annetto Farrugia eċċepixxa, *inter alia,* illi huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni (par. 3), illi fil-kawża kostituzzjonali preżentata minnu l-Avukat tal-Istat stess iddikjara illi l-lanjanzi tiegħu fihom

allegazzjonijiet serji li jeħtieġu li jiġu nvestigati mill-Qorti u dan minkejja li sussegwentement l-Avukat tal-Istat allinja ruħu ma' Olive Gardens Investments Limited biex ifixklu huwa wkoll (par. 5 - 7), illi dawn il-proċeduri jikkostitwixxu abbuż serju tal-proċeduri kostituzzjonali u interferenza fi proċeduri kostituzzjonali pendenti (par. 9 - 10), illi skont l-Artikolu 1030 tal-Kodiċi Ċivili kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu (par. 11), illi l-kawża tinsab differita għal provi tiegħu dwar l-eċċezzjoni preliminari għaliex il-kawża ttieħdet lura għal dan l-istadju li kien ilu sorpassat bis-smiegħ tal-provi fil-mertu (par. 15), li kumpanija ma tistax tippretendi ħlas ta' danni morali (par. 20), li ma jeżisti ebda dritt li jiġġustifika ndħil fi proċeduri pendenti quddiem Qorti (par. 21), li s-soċjeta` attriċi ma tistax tivvanta li hija l-proprjetarja tar-raba' in kwistjoni dment li għada għaddejja l-kawża kostituzzjonali ntavolata minnha (par. 22), li fir-rigward tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea s-soċjeta` attriċi għandha proprju r-rimedju li tħalli l-kawża ntavolata minnu tieħu l-kors tagħha mingħajr oġġezzjonijiet eċċessivi u ntralċ tal-proċeduri (par. 23) u li l-Kummissjoni għall-Aministrazzjoni tal-Ġustizzja ma mxietx sew għaliex l-unika raġuni għala ma sabet xejn kienet għaliex ma fittxet xejn (par. 24).

5. L-Avukat tal-Istat eċċepixxa, *inter alia,* illi (1) t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, (2) li s-soċjeta` attriċi għandha turi b'mod ċar b'liema mod u manjiera ġew miksura d-drittijiet fondamentali ndikati

minnha, (3) li mir-rikors promotur ma jirriżultax li s-soċjeta` attriċi ma tħallietx tagħmel użu mill-mezzi kollha a dispożizzjoni tagħha sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni tagħha, (4) li l-Qrati tagħna dejjem jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-persuni li jidhru quddiemhom, (5) li minn imkien ma jirriżulta li hemm xi teħid forzuż ta' proprjeta` u għalhekk żgur li m'hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u (6) li jidher li l-ilment tas-soċjeta` attriċi huwa fil-konfront ta' Annetto Farrugia u għalhekk mhux sew li minħabba din ir-raġuni l-Istat jagħmel tajjeb għall-allegati manuvri li qed isiru mill-istess Farrugia.

6. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Lulju, tal-2021, ġie deċiż hekk:

> "Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:
>
> 1. Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Annetto Farrugia dwar il-legittimu kontradittur bl-ispejjez kontra tieghu;
>
> 2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimat Annetto Farrugia sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz.
>
> 3. Tilqa' it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u konsegwentement tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti.
>
> Fic-cirkustanzi kollha tal-kaz odjern u b'referenza partikolari ghall-atteggjament tal-intimat fil-kawza 65/2017 AF li wassal ghall-ftuh tar-rikors odjern, wara li l-Qorti odjerna wkoll esperjenzat it-tentattivi diversi tal-intimat sabiex itawwal ukoll il-proceduri odjerni, l-Qorti tqis li l-ispejjez tal-kaz odjern ghandhom jigu sopportati ghal dak li huma l-ispejjez tas-socjeta' rikorrenti u tal-Avukat tal-Istat ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' rikorrenti filwaqt li l-intimat ibati l-ispejjez tieghu u l-ispejjez tal-partijiet kollha relatati mal-eccezzjoni tieghu dwar il-legittimu kontradittur."

7. Is-soċjeta` attriċi preżentat ir-rikors tal-appell tagħha mis-sentenza msemmija fid-9 ta' Awwissu, 2021, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimat Annetto Farrugia u kkundannatu jħallas l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-eċċezzjoni dwar il-leġittimu kontradittur, tirrevokaha, tħassaraha u tikkanċellaha fil-kumplament tagħha u minflok tgħaddi sabiex tiċħad kompletament l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-intimati appellati.

8. Annetto Farrugia preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-2 ta' Settembru, 2021, permezz ta' liema ssottometta illi l-appell tas-soċjeta` appellanti għandu jiġi respint, bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.

9. L-Avukat tal-Istat preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-27 ta' Settembru, 2021, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tas-soċjeta` appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto*.

**Ikkonsidrat;**

10. Is-soċjeta` attriċi resqet aggravju wieħed fir-rikors tal-appell tagħha. Permezz ta' dan l-aggravju hija tilmenta dwar il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li lment dwar ksur ta' smiegħ xieraq ikun aktar opportun li

jiġi trattat wara l-għeluq tal-proċeduri li dwarhom jkunu saru l-ilment. Targumenta illi a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, skont il-ġurisprudenza kemm tal-Qrati Maltin u kif ukoll tal-Qorti Ewropea, ilmenti dwar tul irraġonevoli fi proċeduri jistgħu jsiru u jiġu determinati anke qabel li jintemmu l-proċeduri li dwarhom ikun qed isir l-ilment.

11. Is-soċjeta` attriċi tkompli targumenta illi l-prinċipju regolatur li għandu jikkostitwixxi l-bażi ta' dan l-aggravju huwa li l-Qrati għandhom id-dover li jassikuraw li s-smigħ ta' kull kawża jimxi b'mod spedit u mingħajr dewmien bla bżonn. Tgħid illi skont il-ġurisprudenza, Qorti m'għandhiex tibqa' passiva meta parti minn kawża ġġib ruħha b'mod li tkun qed ittawwal il-proċeduri ġudizzjarji rraġonevolment, u li kien proprju dan li għamlet il-Qorti fil-kawża numru 65/2017. Skont is-soċjeta` attriċi huwa biżżejjed li jingħad, in sostenn ta' dan, li l-kawża ilha differita għall-provi ta' Annetto Farrugia dwar l-eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' eżawriment ta' rimedji ordinarji sa mit-28 ta' Novembru, 2018, u għadha tinsab fl-istess stadju proprju minħabba li l-istess Farrugia ilu jippreżenta rikorsi, talbiet u eċċezzjonijiet, li tiddeskrivi bħala manuvri u tattiċi żleali. Targumenta illi fi tlett snin ma sar progress ta' xejn fil-kawża numru 65/2017 u dan huwa għaliex il-Qorti adita b'dik il-kawża qed tippermetti lil Annetto Farrugia li jħarbat, jistultifika u jiddirotta l-andament tal-kawża permezz tar-rikorsi u eċċezzjonijiet inċessanti tiegħu. Tilmenta wkoll mill-fatt illi l-Qorti adita bis-smiegħ tal-kawża numru 65/2017 mhijiex tosserva

l-liġi, skont liema is-smigħ ta' kawżi kostituzzjonali għandu jsir f'dati konsekuttivi jew f'dati viċin. Tilmenta illi ġaladarba li l-Qorti Kostituzzjonali stess qalet illi kawżi kostituzzjonali huma minn natura tagħhom urġenti, dan ifisser li l-kawża kellha tibqa' tinstema' anke meta l-Qorti kienet magħluqa minħabba l-pandemija kkawżata mill-virus *COVID-19*, għaliex dak iż-żmien is-smiegħ tal-kawżi kien limitat għal kawżi ta' natura urġenti.

12. Issostni wkoll illi l-ilmenti tagħha għandhom jitqiesu fil-kuntest sħiħ tagħhom, u ċioe` l-fatt illi b'konsegwenza tal-kawża kostituzzjonali 65/2017 hija għadha sallum -il ġurnata maqbuda f'litiġju dwar id-dritt tagħha fuq proprjeta` mmobbli. Għalhekk skont is-soċjeta` appellanti l-ilment tagħha dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għandu jiġi kkonsidrat fid-dawl tal-fatt illi l-litiġju rigwardanti d-dritt ta' proprjeta` tagħha ilu pendenti mill-2005.

13. L-appellat Annetto Farrugia jirribatti li dan l-appell mhuwiex mistħoqq u li anzi sar b'abbuż manifest tal-proċess ġudizzjarju, kif hekk ukoll saret din il-kawża nnifisha. Skont l-appellat dan l-appell huwa kollu parti minn pjan tas-soċjeta` appellanti sabiex toħloq ostakoli għal preżentata tal-provi tiegħu fil-kawża 65/2017, bil-għan li fl-aħħar dik il-Qorti tiddejjaq bid-dewmien u tagħlaq l-istadju tal-provi. Jargumenta illi a kuntrarju ta' dak sottomess mis-soċjeta` appellanti, il-ġurisprudenza ma tagħtix suffraġju għat-teżi tagħha għaliex skont il-ġurisprudenza

proċeduri ċivili jridu jiġu eżaminati fl-assjem tagħhom, u ċioe` wara li jkunu ġew konklużi, sabiex jiġi determinat ilment dwar nuqqas ta' smigħ xieraq. L-appellat jakkuża lis-soċjeta` appellanti li hija hi li fil-fatt qed toħloq dewmien fil-proċeduri bin-numru 65/2017, u bħala eżempju ta' dan iġib il-fatt li s-soċjeta` appellanti kienet intavolat appell minn digriet mogħti fil-kawża numru 65/2017 permezz ta' liema kienet ġiet miċħuda t-talba tagħha sabiex il-proċeduri jistemgħu b'urġenza.

14. Fir-rigward tal-argument tas-soċjeta` appellanti relatat maż-żmien meta l-Qorti kienet magħluqa minħabba l-pandemija kkawżata mill-virus *COVID-19*, l-appellant jargumenta illi t-talbiet għal differiment mill-avukat tiegħu kienu saru għaliex l-istess avukat huwa persuna vulnerabbli debitament iċċertifikat bħala tali mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika u mhuwiex tort tiegħu illi fl-awla fejn tinstema' l-kawża numru 65/2017 dam biex ġie nstallat apparat biex il-kawżi jiġu mismugħa b'mod virtwali.

15. L-Avukat tal-Istat jirribatti illi minn eżami tal-atti proċesswali għandu jirriżulta illi l-parti li qed tipprova ttawwal il-proċeduri huwa biss Annetto Farrugia u r-rappreżentant legali tiegħu, u dan fid-dawl tar-rikorsi numerużi, talbiet għar-rikuża, talbiet għall-aċċess, talba għall-eżami forensiku u bosta oħrajn li saru minn Annetto Farrugia fil-proċeduri bin-numru 65/2017. Jargumenta illi għalkemm it-tmexxija tal-kawżi hija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, ċertu kondotta ma tiddependix minnu għaliex il-

Qorti ma tistax iżomm jew twaqqaf lil partijiet milli jippreżentaw rikorsi jew jappellaw digrieti jew sentenzi parzjali jew jagħmlu kwalsiasi azzjoni permessa mil-liġi, għaliex inkella b'hekk dik il-Qorti tkun qed toħloq sitwazzjoni fejn dik il-parti tispiċċa tħoss li d-dritt tagħha għal smigħ xieraq ġie mittiefes.

16. Fir-rigward tal-argument tas-soċjeta` appellanti li l-Qorti fil-kawża 65/2017 m'osservatx id-dettami tal-liġi fir-rigward taż-żmien li kien qiegħed jitħalla bejn differiment u ieħor, jargumenta illi kulħadd jaf li mhux possibbli li kawżi kostituzzjonali jinstemgħu fil-ħeffa li tgħid il-liġi, u dan biss għaliex huwa umanament impossibbli għall-ġudikanti li jlaħħqu mal-kawżi kostituzzjonali kollha li llum -il ġurnata jinfetħu kull sena, a kuntrarju taż-żmien meta nkitbet il-liġi, meta dawn il-kawżi kienu jinfetħu biss bil-waħdiet. Jgħid ukoll illi l-Istat ma jistax jinżamm responsabbli għall-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u dan skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea stess.

17. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar dan il-punt:

> "Illi s-socjeta' rikorrenti tilmenta minn vjolazzjoni lampanti talArtikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta meta s-socjeta' rikorrenti qieghda tigi mcahhda milli jkollha d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet civili taghha definiti u determinati minn Qorti ndipendenti u mparzjali fi zmien ragjonevoli. Skont is-socjeta' rikorrenti dan mhux biss ghaliex il-kwistjoni ta' min hu l-proprjetarju tal-fond ghadha tigi litigata fil-Qrati minkejja proceduri ta' hmistax-il (15) sena izda wkoll ghaliex il-kwistjoni ghadha tigi litigata minkejja li nghataw diversi decizjonijiet finali u sar kuntratt ta' transazzjoni.

Issostni li lkwistjoni magguri hija li l-intimat Annetto Farrugia qieghed jithalla jikkonduci l-litigazzjoni abbuziva istitwita minnu birrikors numru 65/2017 fl-ismijiet Annetto Farrugia -vs- Avukat Generali et b'tali mod li qieghed itawwal il-proceduri kemm irid sabiex jikkaguna hsara lir-rikorrenti.

Illi l-intimat Annetto Farrugia jeccepixxi li ma jezistix ksur tad-drittijiet fondamentali msemmija. Isostni li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali li jiggustifika interferenza fi proceduri pendenti minn Qorti ohra. Isostni wkoll li lanqas ma jezisti l-ebda dritt fundamentali li jiggustifika li Qorti tordna t-twaqqif ta' kawza li qieghda tinstema' quddiem Qorti diversa. Jishaq li dak li hu garantit hu d-dritt ghal smigh xieraq u dan huwa dritt li mhux biss jappartjeni lis-socjeta' rikorrenti, pero' jappartjeni lilu wkoll bhala intimat.

Illi da parti tal-Avukat tal-Istat jeccepixxi li ma jirrizultax li s-socjeta' rikorrenti ma thallietx taghmel uzu mill-mezzi kollha li setghet taghmel sabiex tissalvagwardja l-posizzjoni taghha. Jghid li l-fatt li decizjoni tmur kontra l-fehma tas-socjeta' rikorrenti ma jfissirx li allura hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha.

Illi l-parti l-aktar ta' rilevanza tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghall-kaz odjern huwa s-sub-artikolu 2 illi jipprovdi ssegwenti:

> '(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'

Mentri mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem l-aktar ta' rilevanza ghall-kaz huwa s-sub-artikolu 1 illi jipprovdi s-segwenti:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieg, jew safejn ikun rigorozament meħtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.'

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li l-intimat Annetto Farrugia qed jithalla jikkonduci l-kaz fil-kawza bir-rikors numru 65/2017AF b'mod lesiv ghad-drittijiet fundamentali taghha principalment billi fost affarijiet ohra:

i. jressaq eccezzjonijiet ta’ rikuza ghal darbtejn – biex tigi michuda darbtejn;

ii. iressaq kawza kostituzzjonali ohra biex jilmenta mic-cahda ta’ l-eccezzjoni ta’ rikuza;

iii. jitlob li jsir access fuq l-immobbli meta dan assolutament mhux rilevanti ghal mertu tal-kawza kostituzzjonali;

iv. jitlob addirittura li ssir referenza preliminari lill-Qorti Ewropea.

Tilmenta wkoll mill-fatt li l-kawza malgrad li ilha ghaddejja tlett (3) snin ghadha fl-istadju tal-provi tal-eccezzjoni preliminari fuq nuqqas ta’ ezawriment ta’ rimedji ordinarji. Sabiex issahhah l-argument taghha, prattikament bhala provi tal-allegat ksur is-socjeta’ rikorrenti tressaq estratti mill-atti tal-kawza Annetto Farrugia -vs- Avukat Generali et bir-rikors numru 65/2017AF li ghadha pendenti quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha.

Jibda billi jigi nnutat li s-socjeta’ rikorrenti essenzjalment m’hijiex qieghda tilmenta mill-Qorti per se pero’ qieghda tilmenta mill-attegjament tal-intimat Annetto Farrugia fil-kawza 65/2017AF, liema attegjament qieghed jissarraf f’diversi rikorsi u proceduri li allegatament qeghdin isiru sabiex jitwal il-process inutilment.

Illi din il-Qorti fliet l-atti li gew esebiti u tqis li l-atti kollha li fuqhom qieghda tilmenta s-socjeta’ rikorrenti huma kollha atti li jigu ntavolati minn parti f’kawza. Il-Qorti m’ghandha l-ebda kontroll fuq x’jaghmlu l-partijiet. Il-kontroll tal-Qorti jidhol fis-sehh biss meta l-atti jidhru quddiemha. Jkun f’dak l-istadju li l-Qorti trid tizgura li l-process jitmexxa fi zmien ragjonevoli u minghajr dewmien ingustifikat.

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta li kull att li gie ntavolat fil-kawza 65/2017 mhux biss gie trattat fi zmien ragonevoli mill-Qorti, izda l-Qorti osservat ukoll il-principji kollha tal-gustizzja u dan billi l-intimati gew notifikati u moghtija l-opportunita’ li jirrispondu. Tant li l-procedura mxiet skont il-principji tal-Gustizzja u in konformita mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, li s-socjeta’ rikorrenti nfisha meta hasset il-bzonn appellat minn digrieti talQorti, liema appelli gew decizi fi zmien ragonevoli. Huwa wkoll ovvju li l-Qorti ma tistax tevita certu termini u procedura li darba quddiemha jigu ntavolati diversi talbiet.

Din il-Qorti nnutat ukoll li l-Avukat tar-rikorrent Farrugia f’dik il-procedura ntavola numru konsiderevoli ta’ talbiet ghal differimenti, li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti fin-numru taghhom jmorru ben oltre dak li hu ragonevolment u accettabbli da parti Avukat. Il-Qorti tfakkar lill-Avukat li huwa meqjus bhala ufficjal tal-Qorti u u ghalhekk jaf ben tajjeb x’inhuma l-obbligi tieghu u kif ghandu jmexxi b’mod gust kawza ghall-klijent tieghu u b’rispett lejn l-Awtorita’ tal-Qorti minghajr ma jaghti lok ghall-abbuz palezi f’wicc kulhadd. Din il-Qorti rat izda li l-Onorabbli

Qorti li qed tisma' l-kawza ma waqghetx ghal dawn ir-raggiri u kien hemm diversi drabi fejn cahdet it-talba ghal differiment.

Il-Qorti f'dan l-istadju rat li l-procedura kostituzzjonali in konstestazzjoni ghadha ma waslitx fi tmiemha, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex il-process kollu mill-bidu sa tmiem tieghu. F'dan ir-rigward taghmel referenza ghall-bosta gurisprudenza kemm tal-Qrati Maltin kif ukoll dik Ewropea li tishaq li, partikolarment dwar il-lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, li f'certu kazijiet jkun aktar f'loku li dawn jigu nvestigati matterminazzjoni tal-procedura in kwistjoni sabiex ikun hemm stampa shiha u jkun jista jigi analizzat il-bilanc tal-jeddijiet tal-partijiet f'dik il-procedura. Il-Qorti ghalhekk in vista tas-suespost f'dan l-istadju ma tqisx li rrizulta ksur tad-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali."

## ***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

18. Il-Qorti tibda billi tosserva illi għalkemm is-soċjeta` appellanti talbet ir-revoka sħiħa taċ-ċaħda tal-Ewwel Qorti għat-talbiet kollha tagħha, u talbet li minflok it-talbiet tagħha kollha jiġu milqugħa, fil-korp tar-rikors tal-appell tagħha hija tilmenta biss dwar il-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti biss fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-allegat ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq. Fil-korp tar-rikors tal-appell tagħha ma ssir ebda referenza għal bqija tas-sentenza appellata fir-rigward tal-ilment attriċi relatat mal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni u għalfejn din il-Qorti għandha tvarja l-konklużjonijiet relattivi magħmula mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, ġaladarba l-ebda raġuni ma tressqet għalfejn il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward ta' dawn l-ilmenti għandha tiġi varjata, din il-Qorti ser tissindika biss ir-raġunament

u l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

19. Il-Qorti taqbel mas-soċjeta` appellanti illi peress li l-ilment tagħha ta' ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq jirrigwarda allegat dewmien irraġonevoli fi proċeduri ġudizzjarji, ma hemmx bżonn li l-proċeduri jkunu ntemmu sabiex dan l-ilment jiġi trattat. Dan irrispettivament mill-fatt li l-proċeduri numru 65/2017 mhumiex proċeduri kriminali, kif jargumenta l-appellat Farrugia. Kif sewwa targumenta s-soċjeta` appellanti, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, ilment dwar tul irraġonevoli fi proċeduri ġudizzjarji jista' jitressaq quddiem il-Qorti u jiġi deċiż anke qabel ma jingħalqu dawk il-proċeduri.[1]

20. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar l-imġieba tal-konvenut Annetto Farrugia u l-avukat difensur tiegħu fil-kawża 65/2017. Minn eżami tal-atti ta' dik il-kawża jirriżulta mingħajr l-ebda dubju illi bl-imġieba tiegħu l-istess Farrugia qiegħed jistultifika dawk il-proċeduri bil-preżentata ta' ammont kopjuż ta' rikorsi u noti, anke fuq l-istess materja wara li talba identika tkun diġa' ġiet miċħuda mill-Qorti. L-imġieba ta' Annetto Farrugia u l-avukat difensur tiegħu hija manifestament abbużiva tal-proċess ġudizzjarju u turi disrispett flagranti lejn l-awtorita` ta' dik il-Qorti, meta l-istess Farrugia u

[1] Ara per eżempju: **Tabib Dr Tancred Busuttil v. Avukat Ġenerali** (PA, 02/07/2013).

l-avukat difensur tiegħu jkomplu jippreżentaw l-istess rikorsi u talbiet minkejja li l-Qorti tkun diġa' tat id-deċiżoni tagħha dwarhom. Pero` din il-Qorti ma ssibx x'tiċċensura fl-imġieba ta' dik il-Qorti, li jidher li kienet qed tagħmel ħilitha sabiex tissalvagwardja l-interessi manifestament konfliġġenti tal-partijiet fil-kawża billi tassigura li kull parti jkollha ċans tirrispondi għat-talbiet varji magħmula u li dawn jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli.

21. Għalkemm Farrugia jgħid illi hija s-soċjeta` attriċi li qed toħloq dewmien f'dawk il-proċeduri, dan assolutament ma jirriżultax minn eżami tal-atti. L-unika eżempju li Farrugia ġab dwar dan kien il-fatt li s-soċjeta` attriċi appellat mid-digriet tal-Qorti dwar it-talba tagħha sabiex il-proċeduri jistemgħu b'urġenza. Pero` mill-atti jirriżulta illi s-soċjeta` attriċi kienet qablet li l-proċeduri numru 65/2017 kellhom ikomplu anke waqt li l-appell intavolat minnha kien għadu pendenti, u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li l-preżentata ta' dak l-appell mis-soċjeta` appellanti ħoloq xi dewmien irraġonevoli f'dawk il-proċeduri. L-appellat Farrugia qisu donnu jsostni wkoll li kwalunkwe dewmien fil-proċeduri 65/2017 huwa attribwibbli lis-soċjeta` appellanti għaliex hija toġġezzjona għat-talbiet intavolati minnu *pendente lite*. Pero`, jekk huwa għandu dritt li jressaq dawk it-talbiet li jħoss li huma idoneji fiċ-ċirkostanzi, hekk ukoll is-soċjeta` appellanti għandha dritt ugwali u korrispondenti li toġġezzjona għal dawk it-talbiet. Dan partikolarment meta l-oġġezzjoni tagħha tkun proprju tirrigwarda xi

talba magħmula minn Farrugia għal produzzjoni ta' provi li skont hi huma rrelevanti għall-każ, għas-soprasessjoni jew għar-rikuża tal-Imħallef, talbiet dawn li min-natura tagħhom itawwlu l-proċeduri, meta huwa ċar illi s-soċjeta` appellanti għandha interess li dawk il-proċeduri jintemmu malajr kemm jista' jkun.

22. Il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument magħmul mis-soċjeta` appellanti li l-Qorti baqgħat passiva fil-proċeduri 65/2017 għall-preżentata ta' rikors numerużi minn Annetto Farrugia u li dan jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali tagħha. Dik il-Qorti ma setgħatx twaqqaf lil Farrugia milli jippreżenta rikorsi b'talbiet li jista' jagħmel skont il-liġi. L-obbligu tal-Qorti f'dak il-każ huwa li dawn ir-rikorsi jiġu trattati b'mod spedit, sabiex il-proċeduri ma jistaġnawx. Kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti dan filfatt sar, u kważi kull rikors intavolat minn Annetto Farrugia ġie deċiż fi żmien raġonevoli mill-Ewwel Qorti.

23. Il-Qorti pero` tosserva illi r-rikors ta' Annetto Farrugia għal referenza lil Qorti tal-Ġustizzja Ewropea għadu ma ġiex deċiż, u dan minkejja li ilu li ġie ntavolat mit-12 ta' Frar, 2020. Għalkemm huwa minnu illi kien hemm żmien fejn il-Qrati kienu magħluqa fuq ordni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika minħabba l-pandemija kkawżata mill-virus *COVID-19*, u sussegwentement kien hemm żmien ieħor fejn ma kienux qed jinstemgħu kawżi għall-istess raġuni fuq ordni tal-Prim

Imħallef, dan ma kienx għal aktar minn żmien totali ta' ħames xhur. Huwa minnu li l-avukat difensur ta' Annetto Farrugia ma kienx qiegħed jidher quddiem il-Qorti xorta waħda għaliex sostna li huwa persuna vulnerabbli, għalkemm prova ta' dan qatt ma preżenta, iżda dan ma jfissirx li dan ir-rikors kellu jibqa' pendenti għal dan iż-żmien kollu, b'mod li l-proċeduri staġnaw kompletament minħabba f'hekk. Il-Qorti tosserva illi għalkemm fit-3 ta' Diċembru, 2020, dik il-Qorti kienet iddeferiet il-kawża għall-25 ta' Marzu, 2021, għad-deċiżjoni ta' dan ir-rikors, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2021, u ċioe` kważi sena wara, il-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni tal-partijiet proprju fuq dak ir-rikors.

24. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li minn Jannar 2020 effettivament ma kien hemm l-ebda progress f'din il-kawża jagħti raġun lill-ilment tas-soċjeta` appellanti. Għalkemm il-Qrati kienu magħluqin fuq ordni tas-Supretendent tas-Saħħa mħabba esiġenzi ta' saħħa kawża tal-*COVID-19*, dan l-għeluq dam ghal madwar xahrejn, pero` ma jiġġustifikax għal kollox dan it-trapass ta' żmien li huwa ferm itwal fejn effettivament ma sar xejn fil-kawża. Anke jekk l-avukat difensur ta' Annetto Farrugia ma kienx bi ħsiebu li jidher il-Qorti minħabba l-allegata vulnerabilita` tiegħu, dan ma jfissirx li l-Istat huwa eżonorat minn kull ħtija. Dan għaliex l-Istat huwa marbut li jorganizza s-sistema ġudizzjarja b'tali mod li l-kawżi jkunu jistgħu jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli, u għalhekk meta sar evidenti li l-pandemija *COVID-19* kienet ser tieħu tul ta' żmien biex tissolva, dan l-

obbligu pożittiv kien jinvolvi t-teħid ta' dawk il-passi neċessarji mill-awtorita` responsabbli sabiex fejn ikun hemm bżonn il-kawżi jkunu jistgħu jitkomplew b'mod telematiku, liema sistema damet xi żmien biex tiġi stallata fl-awli tal-Qorti. Dan apparti l-fatt li r-rikors għal referenza ntavolata minn Annetto Farrugia ma kienx jeħtieġ li jibqa' pendenti għal dan it-tul ta' żmien kollu, ikkonsidrat li kwalunkwe sottomissjonijiet setgħu isiru bil-miktub u d-digriet seta' jingħata mingħajr il-ħtiega tal-preżenza tal-partijiet fl-awla, basta li kopja tad-digriet tiġi mibgħuta lilhom bil-mezzi elettroniċi dakinhar stess. Hekk almenu dan ir-rikors seta' jiġi sorvolat biex il-proċeduri jkunu jistgħu jiġu riferuti kif mitlub jew jissoktaw bil-ġbir tal-provi, skont ma' jkun il-każ.

25. Fir-rigward tal-argument tal-Avukat tal-Istat illi l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma jistgħux jisimgħu il-kawżi b'mod aktar spedit milli jagħmlu, il-Qorti taqbel b'mod ġenerali illi l-ġudikanti jagħmlu ħilithom sabiex ilaħħqu mal-volum intens ta' kawżi li għandhom quddiemhom. Pero` jekk m'hemmx riżorsi biżżejjed sabiex dawn il-kawżi jkunu jistgħu jiġu deċiżi fi żmien raġonevoli, dan ma jfissirx li l-Istat m'għandu l-ebda responsabbilita` fejn iseħħ dewmien irraġonevoli kif donnu jippretendi l-Avukat tal-Istat. Anzi, huwa proprju bil-kontra, għaliex l-Istat huwa obbligat li jorganizza s-sistema ġudizzjarja b'tali mod li l-kawżi jkunu jistgħu jiġu maqtugħa fi żmien raġonevoli. Dan aktar u aktar meta kemm-il darba nġibdet l-attenzjoni tal-Istat għall-problema ta'

nuqqas ta' riżorsi fil-Qrati u l-mod kif dan qiegħed jaffetwa l-għeluq tal-kawżi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Probstmeier v. Germany** (QEDB, 01/07/1997) fejn ġie spjegat illi:

> "*The Court observes that it has repeatedly held that Article 6 para. 1 (art. 6-1) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that their courts can meet each of its requirements, including the obligation to hear cases within a reasonable time (see the aforementioned Süßmann judgment, p. 1174, para. 55). Although this obligation cannot be construed in the same way for a constitutional court as for an ordinary court, it is for the European Court in the last instance to verify that it has been complied with, having regard to the particular circumstances of each case and the criteria laid down in its case-law.*"

26. Għalhekk, ikkonsidrat illi l-proċeduri ilhom staġnati issa għal kważi sentejn, b'rikors pendenti għad-deċiżjoni li ilu li ġie ntavolat mill-bidu ta' Frar 2020, il-Qorti tqis illi l-ilment tas-soċjeta` attriċi huwa fondat fir-rigward tad-dewmien ta' żmien.

27. Fir-rigward tal-kumpens dovut, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi dikjarazzjoni ta' ksur hija rimedju suffiċjenti għal-leżjoni sofferta mill-appellanti. L-ewwel nett, parti mid-dewmien kien attribwibbli għall-egħluq tal-Qrati minħabba l-pandemija kkawżata mill-virus *COVID-19*, u din kienet kwistjoni li ma kellu kontroll fuqha ħadd. Fit-tieni nett, il-Qorti sabet li r-raġuni primarja għad-dewmien fil-proċeduri in kwistjoni kien l-aġur abbużiv ta' Annetto Farrugia u l-avukat tiegħu, li preżentaw numru ta' rikorsi dejjem fuq l-istess materja bl-intenzjoni ċara li jistultifikaw il-proċeduri. Il-Qorti ma setgħatx legalment twaqqaf lil Farrugia milli

jippreżenta dawn ir-rikorsi, u għalhekk l-Istat ma jista' jiġi attribwit l-ebda responsabbilita` għad-dewmien li dan ikkawża. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ id-dikjarazzjoni ta' leżjoni hija minnha nnifisha rimedju sufficjenti għall-lanjanza tas-soċjeta` attriċi. Il-Qorti tqis pero` illi jkun għaqli li l-Qorti tagħti prijorita` għal dan il-każ meħud in konsiderazzjoni kemm ilha pendenti l-kwistjoni bejn l-attriċi u Farrugia.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-aggravju tas-soċjeta` appellanti limitatament sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza, u tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' limitatament it-talbiet tas-soċjeta` appellanti u tiddikjara li l-istess appellanti sofriet ksur tad-drittijiet tagħha sanċiti permezz tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-Avukat tal-Istat.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-kawża Rik tal-Qorti Ċivili Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) Nru 65/2017AF.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da